**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 990/2018**

**Raymond Zammit et**

**vs**

**Dr Raphael Fenech Adami et**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Raymond Zammit nomine et (Mandat ta' Inibizzjoni) prezentat fil-15 ta' Gunju 2018 biex l-intimati jigu inibiti milli jaghmlu xoghol ta' skavar entru d-distanza ta' żewġ piedi u nofs osssija 76cm mill-qasma diviżorja bejn żewġ fondijiet, ukoll milli jaghmlu kull tip ta' xoghol ta' kostruzzjonifil-ħajt diviżorju bejn il-propjetajiet permezz ta' liema xoghol huma jkunu qeghdin jużurpaw l-art, parti mill-ġnien tar-rikorrenti, u li jaghmlu kull tip ta' xogħol ta' kostruzzjoni fl-istess ħajt li ma jintegrax il-ħajt fl-istess lok, għamla u kwalita' bħal ma kien qabel twaqqa.

Rat li l-intimati ġew debitament notifikati tramite il-proċedura kontemplata fl-artikolu187(3) tal-Kap 12. Rat ukoll li l-intimat Dr Raphael Fenech Adami ta ruħu b'notifikat u ntavola d-debita risposta tiegħu.

Rat li ebda waħda mill-intimati l-oħra ma għamlet dan.

Rat ukoll li darba affetwata n-notifika l-Qorti awtorizzat lil kull parti li jippresenta prova dokumentarja u nota ta' sottomissjonijiet u ħalliet ir-rikors għal digriet kamerali.[1]
Qieset li ħadd mill-partijiet ma għażel li jippreżenta ebda dokument jew nota kif premess.

**Ikkunsidrat**

Illi kif tistipula l-Liġi (Artikolu 873 tal-Kap 12) u ben indikat fil-ġurisprudenza nostrana il-livell ta' eżami lit rid tag]mel il-Qorti biex tiddetermina din il-vertenza huwa dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn – prima facie-

Fir-risposta tiegħu l-intimat Dr Raphael Fenech Adami irribatta li x-xogħol ta' skavar ilu li sar, oltre hekk saħaq illi f'aċċess li sar bejn il-partijiet ġie stabbilit illi l-ħajt kien se jinbena bil-ħxuna oriġinali.

Oltre hekk informa lill-Qorti li suppost il-vertenza dwar il-ħajt, komuni jew le, kellu jkun suġġett għal arbitraġġ.

Ikkonsidrat ulterjorment illi l-Qorti tqies li r-rikors in eżami ġie preżentat fil-15 ta' Ġunju, 2018 bl-unika risposta datata 10 ta' Lulju, 2018. Illi tqies li nonostante l-fakulta mogħtija kif suriferit r-rikorrentib'mod partikolari naqas li

[1] Verbal tas-6 ta' Lulju, 2018

jmur oltre dak allegat meta rinfaċċat bir-risposta ta l-unika intimat li ħa interess f'dan.

Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax jolqot att li ġia ssuċċeda (skavar), l-anqas ma jista jkun ibbażat fuq biss supposizzjoni (ħxuna ta' ħajt). L-anqas ma huwa ċar għal Qorti jekk il-partijiet hux se jissottomettu ruħhom għal arbitraġġ.

Konsegwentament tiċħad it-talba.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**